Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 237/2011/1

**Andrew Azzopardi**
**(appellat)**

**Vs**

**Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd**
**(appellanti)**

13 ta' Lulju, 2018.

1. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2011 Andrew Azzopardi talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lis-soċjetà Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd tħallasu s-somma komplessiva ta' għaxart elef sitt mija tlieta u sittin Euro u tlieta u tmenin ċentezmu (€10,663.83), rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' sitt elef ħames mija ħamsa u sittin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€6,565.68) bħala valur ta' spejjeż kif jirriżulta mir-rapport peritali anness mar-rikors markat Dok. "A", li għandhom jiġu nkorsi biex jiġu rimedjati ħsarat ordnati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' Novembru 2007 Avviż Nru. 403/05MM rigwardanti materjal difettuż u installazzjoni ta' l-istess mhux skond is-sengħa u l-arti għal liema nuqqas kienet unikament responsabbli l-imsemmija soċjetà u in kwantu għal erbat elef u tmienja u disgħin Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€4,098.15) bħala drittijiet u spejjeż ġiudizzjarji skond taxxa uffiċjali annessa mar-rikors markata Dok. "B", li ġew inkorsi minnu intortament minħabba l-imsemmija socjetà; bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra uffiċjali datata 11 ta' Settembru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 11 ta' Settembru 2006, annessa mar-rikors markata Dok. "C", kontra s-soċjetà konvenuta.

2. Permezz ta' risposta[1] ppreżentata fit-12 t' Ottubru 2011, il-konvenuta wieġbet illi: (i) in linea preliminari, l-azzjoni attriċi in kwantu tikkonċerna l-

[1] Fol. 16.

allegat materjal difettuż supplit minnha, hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili, Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) hija ma hijiex responsabbli għal ebda allegati spejjeż sofferti jew li għad jistgħu jiġu inkorsi mill-attur; (iii) l-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur dejjem aċċetta x-xogħlijiet in kwisjtoni; (iv) l-attur għandu jipprova li effettivament ħallas l-ammonti minnu reklamati; u (v) l-azzjoni attriċi hija waħda intempestiva stante li hija ma ġietx mgħarfa bis-sentenza bl-Avviz Nru. 403/05 pronunċjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

3. Permezz ta' sentenza datata 16 ta' Ottubru 2017 l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet il-każ billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-ewwel eċċezzjoni, kif ukoll l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni attriċi, ossia l-ħames eċċezzjoni, u ċaħdet ukoll l-eċċezzjonjiet fil-mertu sollevati mis-soċjetà konvenuta, minflok laqgħat it-talba attriċi u kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' €10,663.83, bl-imgħax legali dekoribbli mill-4 ta' Awwissu 2011, id-data tan-notifika tar-rikors promotur lis-soċjetà konvenuta, sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjeż tal-proċeduri odjerni kif ukoll ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Settembru 2006, a karigu esklussiv tas-soċjetà konvenuta.

4. Minn din id-deċiżjoni appellat is-soċjetà konvenuta. L-aggravju tagħha huwa illi:

4.1. l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta li l-azzjoni attriċi hija waħda preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kap. 16. Dan in kwantu fil-fehma tal-Ewwel Qorti l-azzjoni attriċi la hija azzjoni *aestimatorja* u lanqas *redhibitorja.* Is-soċjetà appellanti tilmenta li tali analiżi mhix waħda korretta għaliex fl-avviż promutur ġie dikjarat li azzjoni tikkonċerna wkoll fornitura ta' materjal difettuż b' dan illi jeżistu ukoll elementi tal-azzjoni *redhibitorja* kif ukoll dik *aestimatorja.* Konsegwentement, kellhom japplikaw it-termini ta' dekadenza prevvisti mill-liġi sabiex titressaq tali azzjoni. Tgħid illi l-istess attur kien espressament għamel referenza għal materjal difettuż fl-ittra uffiċjali tal-11 ta' Settembru 2006;

4.2. l-Ewwel Qorti lanqas kellha tiċħad l-eċċezzjoni fil-mertu peress li l-attur, li kien il-persuna teknika inkarigata mix-xogħlijiet li ġew eżegwiti taħt id-direzzjoni u sorveljanza tiegħu, dejjem aċċetta x-xogħol tal-konvenuta;

4.3. skont ir-rapport tal-Perit Simon Saliba, li għalih għamlet referenza ampja l-Ewwel Qorti, il-ħsarat ġew ikkawżati mill-umdità kif ukoll mill-fatt li l-madum kien intrifes kmieni. Iżda l-madum in kwistjoni ntgħażel mill-attur u għalhekk hija ma taħtix għall-fatt li tali madum ma kienx idoneju għal post fejn kellu jitqiegħed. Kien ukoll l-attur li kkummissjona x-xogħol u ta l-istruzzjonijiet tax-xogħlijiet li kellhom isiru kif jirriżulta mill-istima u l-kont finali. Huwa ma talabx li jsir xogħol preparattiv sabiex jilqa' għall-umdità, liema servizz l-appellanti f' kull każ ma toffrix. Se mai, kien hu li kellu jara li jsir dan ix-xogħol preparattiv. Huwa kellu ukoll l-obbligu li jara li x-xogħol imqiegħed minnha ma jintrifisx mill-ħaddiema l-oħra meta hi ma kintix hemm u speċjalment wara li kienet lestiet it-tqegħid tiegħu. Tgħid għalhekk li l-Ewwel Qorti ma setgħatx iżżommha unikament responsabbli;

4.4. l-Ewwel Qorti naqset li tieħu in konsiderazzjoni n-natura tal-ilment tal-klijent tal-attur li ma kienx limitat għax-xogħlijiet li jikkonċernaw il-konvenuta u għalhekk il-konvenuta ma tistax tinsab unikament responsabbli għall-ispejjeż tal-kawża li l-Avukat Galea intavola kontra l-attur;

4.5. l-Ewwel Qorti ma kelliex tirriġetta l-argument li l-attur għandu jipprova li huwa effettivament sofra d-danni minnu reklamati. Dan għaliex, permezz tad-deċiżjoni kontrih huwa ġie ordnat jagħmel xogħlijiet rimedjali u s-somma pretiża, liema somma huwa ma ħallasx, ġiet likwidata minnu stess. Tikkontendi li jekk ix-xogħlijiet isiru minnha dawn jammontaw għal inqas peress li hija fil-mestjier. Inoltré, l-istima tinkludi xogħlijiet li qatt ma kienu ġew kommissjonati lilha u f' kull każ id-deċiżjoni appellata tipprovdi li x-xogħlijiet għandhom isiru taħt is-superviżjoni tal-Perit Simon Saliba u għalhekk dak li jgħid hu jgħodd mhux il-perit *ex parte.* Bil-kundanna għal ħlas tas-somma likwidata, apparti l-ispejjeż ġudizzjarji, ser tiġi kkrejata anomalija kif ukoll il-possibiltà konkreta li jsir arrikkiment inġust mill-attur, *multo magis* meta l-konvenuta ġiet ukoll ikkundannata tħallas imgħaxxijiet fuq somma li l-attur għadu ma sborsax.

5. Illi permezz ta' risposta datata 13 ta' Novembru 2017 l-appellat wieġeb li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

6. Illi l-<u>fatti</u> huma s-segwenti:

- Fl-2002 l-avukat Dottor Vincent Galea kien inkariga lill-attur sabiex jieħu ħsieb diversi xogħlijiet fid-dar tiegħu ġewwa Fleur de Lys, Birkirkara, inkluż id-dizinjar, l-ingaġġ tal-ħaddiema, ix-xiri tal-materjal u d-direzzjoni u s-superviżjoni tax-xogħlijiet. F' Lulju 2002 għamel pagament ta' Lm680 akkont tal-prezz għal dan is-servizz;[2]

- Sena wara, f'Lulju 2003 l-attur ħejja dokument ieħor[3] li permezz tiegħu indika is-*subcontracting works*, fosthom '***marble flooring with skirting for entrance and secondary hall under the stairs and upper hall including laying. Yard tiles and skirting including laying. Lm3,774'.*** L-avukat Galea agħmel pagament ieħor ta' Lm3,935;[4]

- L-attur ikkuntratta dan ix-xogħol lis-soċjetà Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd[5] għall-prezz ta' Lm2,700[6] li effettivament ipprovdiet il-madum u s-servizz ta' tqegħid tal-istess tramite ċangar inkarigat u mħallas minnha;[7]

- Ix-xogħol ta' tqegħid tal-madum tlesta għall-ħabta ta' Ġunju 2004. Fl-istess perjodu, Dr Galea għamel pagament ieħor lill-appellat fl-ammont ta' Lm2,004[8] u l-appellat tah dokument li fih hemm dikjarat li kien ir-rcieva l-prezz kollu ta' Lm3,774 relattiv għal dak ix-xogħol;[9]

- Wara ftit żmien Dr Galea innota li fil-madum tal-irħam kien hemm ċaqlieq, grif, ċippjaturi, selħiet u tbajja u li l-burdura li kienet tqegħdet fl-intrata ma kinitx maqtugħa b' mod uniformi u kellha xi tbajja. Lanqas il-madum taċ-ċeramika fil-bitha ma kien tqiegħed skont is-sengħa u l-arti tant li xi madum kien sfronda u tħalla ħafna spazju bejn waħda u oħra. Għalhekk kien għarraf lill-appellat li kien mar fuq il-post biss fis-26 ta' Novembru 2004 u obbliga ruħu li jkellem lill-persuna mingħand min kien xtara l-materjal u li qiegħed il-madum;[10]

---

2 'Dok A' eżebit flimkien mal-affidavit ta' Dr Vincent Galea li jinsab fil-proċess 403/2005.
3 'Dok B' eżebit flimkien mal-affidavit ta' Dr Vincent Galea li jinsab fil-proċess 403/2005.
4 'Dok D' eżebit flimkien mal-affidavit ta' Dr Vincent Galea li jinsab fil-proċess 403/2005.
5 Fol. 25.
6 Fol. 39.
7 Fol 27, 64 – 66 u x-xhieda ta' Andrew Camilleri mogħtija fl-14 ta' Novembru 2006 fil-proċess 403/2005.
8 'Dok E' eżebit flimkien mal-affidavit ta' Dr Vincent Galea li jinsab fil-proċess 403/2005.
9 'Dok F' eżebit flimkien mal-affidavit ta' Dr Vincent Galea li jinsab fil-proċess 403/2005.
10 Affidavit ta' Dr Vincent Galea li jinsab fil-proċess 403/2005.

- Andrew Azzopardi ma rrimedjax għall-ilment u għalhekk fil-21 t' Ottubru 2005 Dr Galea ħarrek lil Azzopardi fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex jirrimedja ghax-xogħol ta' tqegħid ta' madum li ma sarx skont is-sengħa u l-arti;[11]

- F'dik il-kawża kien inħatar il-perit Simon Saliba bħala Perit Tekniku li, wara li sema' x-xhieda prodotti bil-ġurament u żamm aċċessi fil-fond Nru. 386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, fir-rigward tal-materjal provdut u xogħol esegwit ikkonstata w ikkonkluda li:

  *'a. Il-paviment ta' l-irħam li hemm fil-pjan tat-taraġ hu 'maqtuh' u għalhekk irid jinqala' u jerġa' jitpoġġa kollu. Hija r-responsabilità tal-kuntrattur li jwaħħal il-madum u li jipproteġi l-madum sakemm ikun b' saħħtu biżżejjed biex jintrifes.*

  *b. Il-paviment ta' l-irħam li hemm fl-entratura u taħt it-taraġ m'għandux protezzjoni kompleta biex titwaqqaf l-umdità li tiela mill-art. Il-materjali li normalment nużaw biex jitqiegħed il-madum huma porużi. Għalhekk għalkemm il-madum għandu xi forma ta' protezzjoni fuq wara tiegħu, jidher li l-umdità xorta waħda tiela għal ġol-maduma u l-melħ qiegħed jagħmel ħsara fil-wiċċ ta' l-irħam. Huwa impossibbli li wieħed jipprevjeni li tkompli ssir din il-ħsara. Li kieku dan kien possibbli, xorta waħda wieħed irid jieħu konsiderazzjoni li l-paviment ma jistax jiġi mogħruk. Dan għaliex il-madum għandu ċanfrin mal-ġenb tiegħu u għalhekk ma jkunx possibbli li joħroġ wiċċ lixx meta jintorok fil-post. Ukoll il-madum huwa ta' ħxuna żghira u għalhekk jista' wkoll jixxaqaq meta jiġi mogħruk. Dan il-paviment għandu jinqala' u jinbidel kollu. Għanda tinħoloq 'barrier' biex titwaqqaf l-umdità qabel ma jerġa' jitqiegħed il-maduma ta' l-irħam. Din tista' ssir billi jitqiegħed 'water proofing membrane' fuq il-wiċċ tal-konkos li hemm taħt il-madum.*

  *ċ. Fl-ewwel sular hemm inklużi l-ġonot tal-bordura li hemm fil-paviment ħdejn il-bieb ta' barra, dawn ma humiex maqtugħin skond is-sengħa u l-arti. Dawn ukoll inaqqsu mill-valur viżwali tal-paviment.*

  *d. Il-fili vojta fil-paviment taċ-ċeramika li hemm fil-bitha għandhom jiġu mħallba sew b'materjal adattat għal dan it-tip ta' fil. Il-madum mċaqlaq viċin id-drain ta' l-ilma għandu jerġa' jiġu mqiegħda u mħallba.*

  *e. Ir-responsabbiltà tal-kuntratturi taqa taħt min iffirma li kien lest li jaċċetta il-pagamenti għal dawn ix-xogħlijiet. Fil-prattika meta jiġi applikat dan il-ftehim, il-klijent ma jkollu ebda kontroll fuq il-kuntratturi għall-fatt li l-ftehim jkunx sar mal persuna li kien qegħda tidher bħala kuntrattur prinċipali. Tant hu hekk li fil-ftehim bejn il-konvenut u l-attur ma hemmx dettalji ta' min huma dawn il-kuntratturi li kellhom iwettqu dan ix-xogħol.*

  *f. Il-konvenut kellu jagħmel 'Plan set up of materials' dan parti mid-'Design works' u għalhekk hi r-responsabbiltà tiegħu li jaċċetta li l-materjali magħżula*

[11] Avviż fl-ismijiet "***L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi***" Avviz Nru. 403/05.

*jkunu kompatibbli ma l-ambjent fejn kienu se jiġi applikati, jew altrimenti jispeċifika protezzjoni adekwata.*

*g. Il-Perit tekniku jinnota li l-metraġġ totali tal-paviment ta' l-irħam u taċ-ċeramika hu dak ta' 38.50 (tmienja u tletin punt ħamsa) metru kwadru. Waqt li l-valur imħallas għal dan ix-xogħol kien dak ta' Lm3,774 (tlett elef sebgħa mija u erba' u sebgħin lira Maltija). Għalhekk l-ammont imħallas għal dan il-metraġġ relattivament żgħir hu meqjus bħala tajjeb ħafna, ċirka: Lm98.03 għal kull metru kwadru.'*

- Permezz ta' sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Novembru 2007, l-attur kien ikkundannat sabiex fi żmien xahrejn a spejjeż tiegħu jirrimedja għax-xogħol ta' tqegħid ta' madum li ma sarx skont is-sengħa u l-arti u jbiddel il-madum difettuż u mhux tal-kwalità pattwita li ġie supplit u mqiegħed ġewwa l-fond ta' Dr Galea numru tlett mija u sitta u tmenin (386), Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara taħt is-supervizjoni tal-Perit Simon Saliba. Fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti awtorizzat lil Dr Galea jagħmel dawn ix-xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut;

- Fl-20 ta' Lulju 2011 l-attur ippropona din il-kawża kontra s-soċjetà konvenuta inkwantu l-madum in kwistjoni inxtara mingħanda u t-tqegħid tiegħu sar minnha wkoll. Fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2011, l-attur talba li l-atti tal-kawża 403/2005 jiġu allegati u l-qorti laqgħet it-talba. Ma jirriżultax li l-konvenut oppona t-talba. Ovvjament it-talba saret biex b'hekk il-provi li nġabru fil-kawża 403/2005 jintużaw bħala prova f'din il-kawża.

7. Illi permezz tal-ewwel parti tal-aggravju tagħha, l-appellanti tilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tagħha għaliex deherilha li l-azzjoni attriċi ma tinkwadrax ruħha la bħala azzjoni *aestimatorja* u lanqas *redibitorja*. Hija iżda tinsisti li l-azzjoni attriċi hija waħda preskritta *ai termini* tal-Artikolu 1431 tal-Kap. 16 għaliex fl-avviż promutur ġie dikjarat li azzjoni tikkonċerna wkoll fornitura ta' materjal difettuż u saħansitra l-istess attur kien espressament għamel referenza għal materjal difettuż fl-ittra uffiċjali tal-11 ta' Settembru 2006 b' dan illi jeżistu ukoll elementi tal-azzjoni *redhibitorja* kif ukoll dik *aestimatorja.* Tgħid li konsegwentement, kellhom japplikaw it-termini ta' dekadenza prevvisti mill-liġi sabiex titressaq tali azzjoni.

8. L-artikolu 1431 tal-Kap. 16 jipprovdi li:

*1431. (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*

*(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li majidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

*(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).*

9. Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu s-segwenti:

*'Huwa evidenti minn dan il-provvediment tal-Ligi li t-terminu ghal azzjoni hemm stipulat, li strettament huwa terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, huwa marbut ma' l-azzjoni redibitorja u ma' l-azzjoni stimatorja disponibbli fejn jirrizultaw difetti mohbija fl-oggett mibjugh. A tenur ta' l-Artikolu 1427 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, f'tali sitwazzjonijiet ix-xerrej jista' jaghzel, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, **li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz**, inkella, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, **li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti**.*

*Minn ezami akkurat ta' l-azzjoni odjerna huwa evidenti li l-attur ma istitwiex la l-azzjoni redibitorja u lanqas l-azzjoni stimatorja fil-konfront tas-socjetà konvenuta izda huwa istitwixxa l-azzjoni ta' rivalsa, bazikament azzjoni ghad-danni, li huwa qua appaltatur ghandu jedd ghaliha fil-konfront taghha qua sub-appaltatur in segwitu ghad-decizjoni pronuncjata kontra tieghu fis-sentenza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" deciza fis-26 ta' Novembru 2007. Peress illi kwalunkwe temrinu ta' dekadenza jew preskrizzjoni che sia ghandu jigi applikat b'mod ristrittiv, is-socjetà konvenuta ma tistax tippretendi li t-termini stipulati fl-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw ghall-azzjoni odjerna wkoll.*

*Fid-dawl ta' dan appena osservat ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta ma hijiex gustifikata u bhala tali ghandha tigi michuda.'*

10. L-appellanti m' għandiex raġun tippretendi li kellu japplika l-artikolu 1431 tal-Kap.16 unikament għaliex '*jeżistu elementi tal-azzjoni redhibitorja kif ukoll ta' dik aestimatorja*' peress li fl-avviż promutur ġie dikjarat li '*l-azzjoni odjerna tikkonċerna ukoll fornitura ta' materjal difettuż'.*

11. L-azzjoni li ppropona l-attur mhijiex azzjoni ghad-difetti latenti.

12. Is-soċjetà appellanti tilmenta ukoll li l-attur, li kien il-persuna teknika inkarigata mix-xogħlijiet li ġew eżegwiti taħt id-direzzjoni u sorveljanza tiegħu, dejjem aċċetta x-xogħol tal-konvenuta b'dan illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal tiddeċiedi kif ġej:

> *'Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li: in tema ta' kuntratti d'opera jew ta' appalt (li fl-ahhar mill-ahhar kien in-natura tal-ftehim bejn l-attur u s-socjetà konvenuta) it-tehid in konsenja da parti tal-kommittent mhux dejjem, u bilfors jekwivali ipso facto ghall-accettazzjoni bla rizerva ta' l-opra jew tax-xoghlijiet appaltati u, allura wkoll, ghal xi konsegwenti rinunzja ghall-azzjoni jew difiza fil-kaz li jigu riskontrati difetti taht il-profil tekniku u fattwali. B'mod partikolari, ma jitqiesx sufficjenti li jigi ritenut illi bl-accettazzjoni l-kommittent implicitament irrinunzja ghall-garanzija kontra l-vizzji u difformità palesi fl-opra jew ix-xoghlijiet konsenjati. Jibqa' dejjem attiv il-principju illi 'l'artefici ghandu jiggarantixxi l-bontà tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi implicita'. Ma jistax allura in linea ta' massima japprofitta ruhu mill-fatt ta' l-accettazzjoni jekk jinstab li hu jkun ittrasgredixxa d-dettami ta' l-arti tieghu. Dan ghaliex hu kien mill-bidunett obbligat li jesegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha. ... Biex jista' jinghad li l-kommittent ikun irrimedjabilment tilef, jew tacitament irrinunzja, ghal tali dritt irid ikun ghadda tul ta' zmien apprezzabbli bejn il-konsenja u d-denunzja tad-difetti.*[12]
>
> *Fid-dawl ta' tali principju jirrizulta b'mod car li l-fatt li l-attur, qua l-persuna li inkariga lis-socjetà konvenuta tipprovdi l-madum u tqieghed l-istess fil-fond Nru. 386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, accetta x-xoghol hekk provdut u esegwit, tant illi hallas lill-istess socjetà in toto, ma jwassalx ghall-ezoneru awtomatiku taghha minn kwalunkwe responsabilità ghal xoghol li in segwitu jirrizulta difettuz u/jew mhux esegwit skond is-sengha u l-arti. Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-fatt li fil-kaz in ezami l-beneficjaru ahhari tal-materjal provdut u xoghol esegwit kien l-Avukat Vincent Galea, ma jbiddel assolutament xejn mill-kwadru guridiku hawn appena espost.'*

13. Huwa minnu li l-attur kien responsabbli għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet fir-rigward ta' Dr Galea u huwa minnu ukoll li l-attur aċċetta x-xogħol kif provdut u eżegwit mis-soċjetà appellanti. Iżda dan ma jeżonerahiex mir-responsabbilità li taħgmel tajjeb għax-xogħol difettuż u/jew mhux eżegwit skont is-sengħa u l-arti provvdut minnha kif donnha qed tippretendi permezz ta' dan l-aggravju.

14. L-attur ħallas lis-soċjetà appellanti kemm għall-provvista ta' materjal ta' kwalità determinata kif ukoll sabiex tieħu ħsieb it-tqegħid tal-madum in kwistjoni fir-residenza ta' Dr Galea. Għal dan il-għan s-soċjetà appellanti ngaġġat ċangar tal-għażla tagħha u kienet hi li ħallset l-imsemmi ċangar għal dan is-servizz. Hija għalekk assumiet l-obbligu mhux biss li l-materjal

[12] ***Ivan Borg pro et noe v. George Aquilina et***, Appell Civili Nru. 549/97 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Ottubru 2005.

provvdut minnha jkun konformi mal-karatteristiċi u l-kwalità pattwita iżda li l-istess jitqiegħed skont is-sengħa u l-arti. Din il-garanzija ma tistax titqies impliċitament rinunzjata unikament għaliex l-attur kien oriġinarjament aċċetta x-xogħol provdut u eżegwit. Dan l-aggravju huwa għalhekk ukoll insostenibbli.

15. L-appellanti tilmenta ukoll li skont ir-rapport tal-Perit Simon Saliba, li għalih għamlet referenza ampja l-Ewwel Qorti, il-ħsarat ġew ikkawżati mill-umdità kif ukoll mill-fatt li l-madum kien intrifes kmieni. Iżda l-madum in kwistjoni ntgħażel mill-attur u għalhekk hija ma taħtix għall-fatt li tali madum ma kienx idoneju għal post fejn kellu jitqiegħed. Kien ukoll l-attur li kkummissjona x-xogħol u ta l-istruzzjonijiet tax-xogħlijiet li kellhom isiru kif jirriżulta mill-istima u l-kont finali. Huwa ma talabx li jsir xogħol preparattiv sabiex jilqa' għall-umdità, liema servizz l-appellanti f' kull każ ma toffrix. Se mai, kien hu li kellu jara li jsir dan ix-xogħol preparattiv. Huwa kellu ukoll l-obbligu li jara li x-xogħol imqiegħed minnha ma jintrifisx mill-ħaddiema l-oħra meta hi ma kintix hemm u speċjalment wara li kienet lestiet it-tqegħid tiegħu. Il-konvenuta għalhekk ma setgħatx tinżamm unikament responsabbli.

16. F'dan il-kuntest l-Ewwel Qorti kkwotat is-segwenti insenjamenti ġuridiċi:

> *'Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef v. Christopher Pace, Appell Civili Nru. 235/02** deciza fl-10 ta' Marzu 2004: l'obbligazione del direttore dei lavori, che per conto del committente è tenuta a controllare la regolarità ed il buon andamento dell'opera man mano posta in essere del costruttore, costituisce un'obbligazione di mezzi (e cioè di comportamento), non già di risultato, in quanto ha per oggetto la prestazione di un' opera intellettuale che non si estrinseca, nemmeno in parte, in un risultato di cui si possa cogliere tangibilmente la consistenza, non sfociando in un' opera materiale'. Naturalment din l-obbligazzjoni ta' imgieba biex tigi dikjarata insodisfacenti trid necessarjament tkun korrelatata ma' dawk ix-xoghlijiet li taghhom il-parti tkun giet affidata s-sorveljar.*
>
> *Minn din l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) dwar l-obbligu tad-direttore dei lavori jirrizulta li r-responsabilità ghal xoghol esegwit hazin taqa' u tieqaf unikament fuqu biss meta d-difett fix-xoghol esegwit ikun rizultat dirett tat-tmexxija u/jew sorveljanza hazina tieghu u mhux rizultat ta' esekuzzjoni hazina ta' l-appalt da parte ta' l-appaltatur'.*

17. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Raphael Micallef v. Anthony Agius***[13], ukoll ċitata mill-Ewwel Qorti, jinsabu miġbura l-prinċipji ġurisprudenzjali in materia:

---

[13] Citaz. Nru. 1003/89, deċiża fid-9 ta' Ġunju 2004.

*I. Ibda biex, u dan imprexxindibilment minn kwalsiasi kolpa, hu dmir ta' l-appaltatur, skond il-principji generali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, illi dan ghandu jassikura li x-xoghol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li l-quddiem juri difetti. B' obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jezegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha" (**Kollez. Vol. XLI P II p 892**). Dan fis-sens li "l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374);*

*II. Dan stabbilit, "jekk hu jaghmel ix-xoghol hazin, lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita minhabba li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittent" (**Kollez. Vol. XL P I p 485**). Jinkombi fuqu b' dover "di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell' arte" (**Kollez. Vol. XXV P I p 727**). Jinsab fil-fatt dettat illi hu "m'ghandux japprofitta ruhu minn negligenza ta' l-arkitett u jitrasgredixxi d-dettami ta' l-arti edilizja" (**Kollez. Vol. XLVI P III p 746**);*

*III. Gie deciz ukoll illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol; u dan avvolja s-sorveljanza ta' dan ix-xoghol ikun hemm perit imqabbad mill-appaltant, jekk il-vizzju tax-xoghol ikun il-lavorazzjoni u mhux fid-direzzjoni tal-perit; u anke jekk il-perit jista' talvolta jkun kolpevoli fis-sorveljanza. In effetti l-perit kolpevoli ta' difett ta' sorveljanza ghandu rigress kontra l-appaltatur li jkun ikkommetta vizzji ta' lavorazzjoni." (**Kollez. Vol. XXXVII P III p 883**);*

*Dan jikkombacja mal-hsieb anterjorment professat illi "l' impiego di un uomo di scienza a dirigere il lavoro non esime mai l' appaltatore dal prestare quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**);*

18. Aktar 'l fuq din il-qorti agħmlet riferenza ghall-opinjoni tal-Perit Simon Saliba fil-kawża numru 403/05. Mir-rapport jirriżulta li:

- <u>il-paviment li hemm fl-ewwel sular</u> fl-entratura u taħt it-taraġ, huwa mtappan u mħaffer kawża tal-umdità li hemm taħtu b' dan illi x-xogħol **ma kienx sar skont is-sengħa u l-arti**. Inoltré l-ġonot tal-burdura fil-paviment tal-irħam ħdejn il-bieb ta' barra mhumiex maqtugħin dritti u **lanqas dawn ma saru skont is-sengħa u l-arti**;
- <u>il-paviment li jinsab fil-pjan tat-taraġ fit-tieni sular</u> huwa 'maqtugħ' u hemm moviment bejn maduma u oħra. Din il-ħsara ġiet ikkawżata <u>jew</u> għax il-madum **ma kienx ġie mqiegħed skont is-sengħa u l-arti** jew għax il-paviment ġie mirfus kmieni wisq. **Kienet ir-responsabbiltà tal-kuntrattur li waħħal il-madum li jipproteġih sakemm ikun b' saħħtu biżżejjed biex jintrifes**;
- <u>il-madum taċ-ċeramika fil-bitħa</u> **lanqas ma ġie mqiegħed skont is-sengħa u l-arti** in kwantu l-fili *"ma kinux nżammu dritti u uniformi"*.

Hemm ukoll ħsara minima ħdejn id-*drain* fejn inqala' l-*grouting* u ċċaqlaq il-madum.

19. Abbażi ta' dawn ir-riżultanzi u l-ġurisprudenza, l-Ewwel Qorti kellha bażi tikkonkludi li d-difiża tas-soċjetà konvenuta, li mhijiex responsabbli għaliex ix-xogħol kien ġie aċċettat/sorveljat mill-appellat, ma tistax tirnexxi. Wara kollox għalkemm il-konvenut kien kuntrattur fil-konfront ta' Dr Galea, madankollu hu nkariga lill-appellanti sabiex twettaq ix-xogħol. B'hekk nibtet relazzjoni kuntrattwali bejn l-appellanti u l-appellat, u l-obbligu kien fuq l-appellanti li twettaq xogħolha kif titlob is-sengħa u l-arti. Dmir li mill-provi rriżulta li falliet fih.

20. Dwar l-ilment tal-appellanti li hija ma taħtix għall-'*fatt li l-madum intrifes kmieni*' meta hija ma kinitx hemm, mill-konklużjonijiet tal-perit Saliba ma jirriżultax b' mod konklussiv li din kienet definittivament il-kawża tal-ħsarat fit-tieni sular. Inoltre, mill-proċess 403/2005 jirriżulta li din kienet biss allegazzjoni da parti tar-rappreżentanti tas-soċjetà appallanta.[14] Johann Camilleri reġa' agħmel allegazzjoni simili fix-xhieda tiegħu a fol. 59 iżda minn imkien ma jirriżulta kif allegatament ġie a konoxxenza ta' dan il-'*fatt'* meta huwa ma kienx preżenti u preżumibilment lanqas ma jirriżulta li kien preżenti ċ-ċangar imqabbad minnu.

21. Dwar l-ilment tal-appellanti li l-madum in kwistjoni ntagħżel mill-attur u għalhekk hija ma taħtix għall-fatt li tali madum ma kienx idoneju għal post fejn kellu jitqiegħed, l-Ewwel Qorti kkonkludiet:

> *Il-Qorti però ma hijiex affattu konvinta mill-veracità ta' dak affermat minn Johann Camilleri u konsegwentement pretiz mis-socjetà konvenuta u dana billi mix-xhieda ta' l-istess Johann Camilleri u mill-ispecifications tal-maduma esebiti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05 jirrizulta li din il-madum kienet qed tinbiegh mis-socjetà konvenuta bhala maduma specifikatament adattata ghall-umdità. In effetti fir-rigward tal-madum in kwistjoni Johann Camilleri xehed illi l-prodott huwa rham li jinqata' three point five millimetre, imbaghad tigi applikata silicone ta' one point five millimetre biex tipprotegih ... taht il-wicc. Mistoqsi x'differenza hemm bejn dan it-tip ta' madum u madum ta' irham normali, Johann Camilleri wiegeb l-umdità ma titlax minnu ghax qeghda protetta minn taht u imbaghad huwa bhal irham normali ... u fl-ispecifications tal-madum hemm, fost affarijiet ohra, esplicitament indikat illi VISENOVA marble is stronger and needs no special maintenance – The composition of VISENOVA increases the resistance of the marble to extend aggressions and temperature changes. Once installed, it insulates perfectly from humidities and does not require any special maintenance. ....*

[14] Xhieda ta' Andrew Camilleri tal-14 ta' Novembru 2006 fil-proċess 403/2005.

*Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi fattwali l-Qorti hija iktar propensa li temmen li l-attur ghazel din il-maduma partikolari ghat-tqeghid fil-fond Nru.386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, proprio ghaliex is-socjetà konvenuta kienet qed tippromuovi din il-madum – li kienet ghadha kemm bdiet timportaha – bhala madum rezistenti u quindi adegwata ghall-umdità, hekk kif inhi minghajr il-htiega ta' protezzjoni ulterjuri; karatteristika din però fl-ahhar mill-ahhar irrizulta li ma kenitx tali.'*

22. Filwaqt li dan huwa minnu, jirriżulta ukoll mir-rapport tal-perit Valerio Schembri tad-9 t' April 2005[15] illi, '*tali waterproofing jew tqegħid ta' saff impermajabbli huwa rakkomandat saħansitra mill-ispecification tal-materjal in diżamina u dan hekk kif wieħed jista' jara fuq it-'Technical Guide for Visenova Marble' mill-website relattiva'*.[16]

23. *Multo magis*, is-soċjetà appellanti, li forniet dan il-madum u ħadet ħsieb it-tqegħid tiegħu kella ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur ta' dan il-madum sabiex taċċerta ruħha li jitqiegħed skont is-sengħa u l-arti. Ma tistax teżonera lillha nnifisa minn dan obbligu għaliex hi ma toffrix servizz ta' *waterproofing*. Se mai, sabiex teżimi ruħha mir-responsabbiltà, l-appellanti kellha tippuntwalizza lill-attur appellat il-bżonn tax-xogħol preparattiv meħtieġ skont l-*ispecifications* tal-madum minnha mibjugħ u tinfurmah li hija ma tagħmilx tali xogħol sabiex jieħu ħsieb jingaġġa lil terzi għal dan l-iskop. Mid-dokument stess a fol. 39 jirrizulta bl-iktar mod ċar li l-appellanti kienet inkarigata sabiex tagħmel it-tqegħid. Saħanistra, tħallset biex sar *"screed of cement 2 inch height"*. Għalhekk kien ir-responsabbilta tagħha li tiżġura li x-xogħol isir sew, inkluż li l-madum ma jintlaqatx mill-umdita'. Il-fatt li l-konvenuta ma ntalbitx tagħmel xogħol biex tilqa' għall-umdita', mhijiex skuża valida. L-appellanti kienet is-supplier tal-irħam u għalhekk kellha tkun taf kif jintlaqat mill-umdita'. Kellha tiżgura, irrispettivament intalbitx jew le, li x-xogħol li tagħmel ikun skont is-sengħa. Mhuwiex biżżejjed li jingħad li ma ntalbitx tagħmel xogħol biex jilqa' l-umdita'. Għaldaqstant, ma jreġix l-argument li l-obbligu li jsir dan ix-xogħol preparattiv kien tal-appellat.

24. L-appellata tilmenta ulterjorment li l-Ewwel Qorti naqset li tieħu in konsiderazzjoni n-natura tal-ilment tal-klijent tal-attur li ma kienx limitat għax-xogħlijiet li jikkonċernaw il-konvenuta u għalhekk il-konvenuta ma tistax tinsab unikament responsabbli għall-ispejjeż tal-kawża li l-Avukat Galea intavola kontra l-attur.

---

[15] Eżebit fil-proċess 403/2005.
[16] Paġna 5.

25. Dan l-ilment hu fieragħ. Hu minnu li fl-affidavit fil-kawża 403/2005, Dr Vincent Galea jagħmel riferenza għad-diżgwid mal-appellat minħabba pagamenti dovuti minn Azzopardi lis-soċjetà Valley View Developments Ltd. Madankollu hu ċar li dan issemma biss b' referenza għall-fatt li l-attur ma kienx iwieġeb it-telefonati ta' Dr Galea. Pero' ma jirriżultax li dik kienet parti mill-meritu tal-kawża 403/2005. Għalkemm l-attur kien responsabbli għall-ilmenti li kellu Dr Galea, b'daqshekk ma jfissirx illi m'għandux dritt li jdur fuq l-appellanti.

26. Finalment l-appellanti tikkontendi li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiċħad l-argument minnha mressaq fis-sens li l-attur għandu jipprova li huwa effettivament sofra d-danni minnu reklamati. Dan għaliex, bis-sentenza li ngħatat fil-kawża 403/2005, ġie ordnat jagħmel xogħlijiet rimedjali u s-somma pretiża, liema somma huwa ma ħallasx, ġiet likwidata minnu stess. Tikkontendi li jekk ix-xogħlijiet isiru minnha dawn jammontaw għal inqas peress li hija fil-mestjier. Inoltre', l-istima tinkludi xogħlijiet li qatt ma kienu ġew kommissjonati lilha u f'kull każ id-deċiżjoni appellata tipprovdi li x-xogħlijiet għandhom isiru taħt is-superviżjoni tal-Perit Simon Saliba u għalhekk dak li jgħid hu jgħodd mhux il-perit *ex parte.* Bil-kundanna għal ħlas tas-somma likwidata, apparti l-ispejjeż ġudizzjarji, ser tiġi kkrejata anomalija kif ukoll il-possibiltà konkreta li jsir arrikkiment inġust mill-attur, *multo magis* meta l-konvenuta ġiet ukoll ikkundannata tħallas imgħaxxijiet fuq somma li l-attur għadu ma sborsax.

27. A fol. 26 l-attur ikkonferma li huwa ħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha tal-każ 403/2005. Spejjeż li huma tal-kawża numru 403/05. L-appellanti argumentat li dik il-kawża saret minħabba nuqqasijiet tal-attur. Il-qorti ma taqbilx. Dik il-kawża saret kontra Azzopardi għaliex Dr Galea kellu relazzjoni ġuridika ma' Azzopardi u mhux mal-appellanti. Pero' l-kwistjoni tnisslet mix-xogħol ħażin li twettaq mill-konvenuta fit-tqegħid tal-irħam u madum. Għalhekk l-attur għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ġudizzjarji li kellu jagħmel tajjeb għalihom minħabba xogħol ħażin li rriżulta li sar minn ħaddieħor.

28. Rigward is-somma ulterjuri ta' €6,565.68 minnu pretiża, l-attur ippreżenta r-rapport mħejji mill-perit David Mifsud Parker li dwaru xehed l-istess perit fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2011. Fir-rapport tal-perit jingħad, "*This is to certify that I, the undersigned, have inspected the works carried out in the above-mentioned property in relation to tiling works in the main entrance, stairwell area, and backyard".* Ma sarx kontro-eżami tax-xhud. Hu fatt li kien ikun floku li l-perit Saliba jintalab jagħti stima tal-ispiża sabiex isir dak li

ppropona li hemm bżonn isir bħala rimedju għax-xogħol ħażin. Wara kollox fis-sentenza tas-26 ta' Novembru, 2007 il-qorti ordnat li x-xogħol kellu jsir *"taħt id-direzzjoni u superviżjoni tal-Perit Simon Saliba"*. Pero' fl-ebda stadju tal-proċeduri l-appellanti ma talbet li l-perit Simon Saliba, li kien il-perit tekniku fil-kawża 403/2005, sabiex jagħti stima tal-ispiża li trid issir biex jiġi rimedjat ix-xogħol ħażin li sar. Lanqas, waqt il-ġbir tal-provi, ma oġġezzjonat għall-opinjoni tal-perit Mifsud Parker.

29. Hu ovvju li sabiex l-appellat iwettaq dak li ġie kkundannat iwettaq bis-sentenza tas-26 ta' Novembru 2007, irid jinkorri spejjeż ta' xiri ta' rħam u madum u *mano d'opera* u kien hemm bżonn li jiġi determinat ammont li għandu jitħallas.

30. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

i. Il-perit Mifsud Parker ma spjegax x'inhi l-ħtieġa li jitneħħa l-konkos li jidher li hemm taħt il-madum.

ii. Fir-rapport tal-perit Simon Saliba ma jissemmiex li hemm bżonn li jitkisser il-konkos u jerġa jitpoġġa. Fil-fatt il-perit Saliba qal li l-umdita' għandha tinqata' billi, *"... jitqiegħed 'water proofing membrane'* ***fuq il-wiċċ tal-konkos li hemm*** *taħt il-madum"*. Kliem li jindika b'mod ċar li l-perit tekniku nkarigat mill-qorti ma kienx qiegħed jipprospetta li hemm ħtiega li jitneħħa l-bażi tal-konkos.

31. Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, il-qorti hi tal-fehma li l-items 1.03 u 1.05 tal-istima tal-perit Mifsud Parker[17] ma ġewx ġustifikati b'mod suffiċjenti. In-nuqqas li ġie ppruvat kien fit-tqegħid tal-irħam u l-madum tal-bitħa, u mhux fit-tqegħid tal-konkos. Għalhekk il-qorti ma tara l-ebda raġuni valida għalfejn *'il-wiċċ tal-konkos'* għandu jitneħħa. Għaldaqstant mis-somma li l-ewwel qorti kkundannat lill-appellanti biex tħallas, ser titnaqqas is-somma ta' tmien mija u seba' ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€807.63).

32. Il-qorti tinnota wkoll li l-items 1.04 u 1.06 huma miżuri kontra l-umidta. Il-qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn l-appellanti għandha taghmel tajjeb għal dawk l-ispejjeż. Hu minnu li mill-provi rriżulta li hemm bżonn li jsiru sabiex iservu ta' *buffer*. Pero' hu evidenti li dik il-protezzjoni kontra l-umdita' ma saritx u għalhekk ma sarx ħlas għalih lill-appellanti (ara dokument a fol. 39). L-ispiża għalkemm kellha ssir, ma saritx. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li dawk l-ispejjez mhumiex danni li sofra l-attur minħabba xogħol li

[17] Fol. 3.

ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Għalhekk ser titnaqqas ukoll is-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€388.75). Wieħed jista' jargumenta li kellha tiġi likwidata somma minħabba l-awment fil-prezz ta' dawk il-prodotti. Pero' l-appellanti m'għandha l-ebda tort li sal-lum is-sentenza ta' Novembru 2007 għadha ma ġietx eżegwita.

33. Fir-rikors promotur l-appellanti tistaqsi, *"... x'jiġri fil-kaz li l-konvenuta teffettwa hija stess x-xogħlijiet rimedjali?"*. Jekk ix-xogħol rimedjali jsir mill-konvenuta, xorta għandha jedd titħallas għall-prezz għax-xiri ta' madum, irħam, materjal, u *mano d'opera* biex jitneħħa l-irħam u madum oriġinali u jerġa jitpoġġa. Dawk kollha huma danni.

34. L-appellanti semmiet ukoll l-imgħax li l-ewwel qorti kkundannata tħallas b'effett mill-4 ta' Awissu, 2011. Sal-lum it-talba għall-imgħax hi ġustifikata biss fuq l-ammonti relatati mal-ispejjeż ġudizzjarji li ħallset. Ġialadarba s-sentenza tas-26 ta' Novembru 2007 għadha ma twettqitx,[18] mhuwiex ġust u ekwu li l-appellanti tħallas għall-imgħax mid-data tan-notifika mill-4 ta' Awissu, 2011.[19]

**Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' parzjalment l-appell u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrat (Malta) fis-sens li l-ammont ta' danni li l-konvenuta għandha tħallas hu ta' disat elef erba' mija u seba' u sittin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€9,467.45), u spejjeż jinqasmu in kwantu għal 9/10 a karigu tal-konvenuta u 1/9 a karigu tal-attur. L-imgħax fuq is-somma ta' €4,098.15 jiddekorri mill-4 ta' Awissu, 2011 filwaqt li fuq il-bilanċ jiddekorri mil-lum. Ghall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu bl-istess mod kif inqasmu l-ispejjez tal-ewwel sentenza.**

Anthony Ellul.

---

[18] Fatt li ġie kkonfermat ukoll waqt it-trattazzjoni tal-appell.
[19] Data tan-notifika lill-konvenuta tal-atti tal-kawża.